**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL-*JUNIOR LYCEUM* U L-ISKOLA SEKONDARJA 2007**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IL-ĦAMES KLASSI** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________ **Klassi:** _________

**Taqsima A**

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet. **(30 marka)**

1. Semmi **żewġ** Sagramenti li nieħdu **darba biss** f'ħajjitna.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

2. Liema huma l-kliem meħtieġa biex iseħħ is-Sagrament tal-Magħmudija?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. X'tifsira għandu l-ilma fil-Magħmudija?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. (a) Semmi **żewġ** Dommi (veritajiet) li aħna nemmnu dwar il-Madonna.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

(b) Fisser **waħda** minn dawn iż-żewġ veritajiet.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

5. X'inhu l-abort?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. Għaliex l-abort imur kontra l-ħames kmandament?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

7. Għaliex il-Knisja tikkundanna l-ewtanasja?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

8. X'għallem Ġesù dwar id-divorzju?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

9. Għaliex is-sess qabel iż-żwieġ imur kontra l-liġi t'Alla?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

10. Liema huma **ż-żewġ** għanijiet taż-żwieġ?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

11. X'għandha tqis *union* tal-ħaddiema qabel ma tordna strajk?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

12. Kif għandu n-nisrani jġib ruħu lejn l-ambjent li Alla fdalna f'idejna?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

13. Semmi dokument (Enċiklika) tal-Knisja li jitkellem dwar ix-xogħol.

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

14. Fisser fi kliemek din is-silta:
*"Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab fikom, li għandkom minn Alla?"* (Kor.6,19)

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

**Taqsima B** **(15-il marka)**

1. Ikteb fi kliemek il-ġrajja ta' meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli nhar l-Għid il-Ħamsin.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (10 marki)

2. Fisser għaliex din il-ġrajja hija importanti fl-istorja tal-Knisja.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5 marki)

**Taqsima Ċ** **(15-il marka)**

Fisser dawn il-kelmiet:

1. Battisteru: _______________________________________________
2. Katekumeni: _______________________________________________
3. Enċiklika: _______________________________________________
4. Blandun: _______________________________________________
5. Imħabba 'agape': _______________________________________________

**Taqsima D** **(40 marka)**

Fuq karta separata wieġeb fit-tul **tnejn** minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin.

1. **Il-Magħmudija u l-Griżma ta' l-Isqof jagħtuna l-akbar dinjità.**

   (a) X'rabta hemm bejn is-Sagrament tal-Magħmudija u s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof? (4 marki)

   (b) X'jagħmel fina s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof? Ikteb dwar **tliet** punti. (3 x 2 = 6 marki)

   (ċ) X'sens fihom f'dan is-sagrament: (i) id-dlik biż-żejt, u (ii) it-tqegħid ta' l-idejn? (2 x 2 = 4 marki)

   (d) Agħti **tliet** eżempji kif żgħażagħ ta' l-età tiegħek jistgħu jagħtu xhieda għal Kristu bl-imġiba tagħhom. (3 x 2 = 6 marki)

2. **Tkun nisrani responsabbli jfisser li jkollok kuxjenza ffurmata tajjeb u timxi fuqha.**

   (a) X'inhi 'kuxjenza'? (5 marki)

   (b) Ikteb dwar x'jista' jfixkilna milli niffurmaw kuxjenza tajba billi tagħti **tliet** eżempji. (3 x 2 = 6marki)

   (ċ) Ikteb **tliet** punti dwar dak li jgħinna biex aħna niffurmaw kuxjenza tajba. (3 x 3 = 9 marki)

3. ***"Għan-nisrani, ix-xogħol hu l-mod kif aħna nieħdu sehem attiv u responsabbli fil-ħidma tal-Ħallieq."*** **(Il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-laqgħa mal-ħaddiema Maltin.)**

   (a) Fisser **tliet** għanijiet li l-ħaddiem nisrani għandu jkollu fix-xogħol tiegħu. (3 x 2 = 6 marki)

   (b) Fl-Enċikliċi tagħhom, il-Papiet tkellmu dwar id-drittijiet tal-ħaddiema. Fisser fi kliemek **tnejn** minn dawn id-drittijiet. Xi dmirijiet huma marbuta ma' dawn iż-żewġ drittijiet? (2 x 4 = 8 marki)

   (ċ) Ikteb dwar **tliet** punti li għandek iżżomm quddiem għajnejk meta tiġi biex tagħżel xogħol jew karriera. (3 x 2 = 6 marki)

4. ***"Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtni, kont bil-għatx u sqejtni, kont barrani u lqajtni."*** **(Matt.25, 35).**

   (a) Uri kif Ġesù wera rispett lejn il-ħajja tal-bniedem:
   (i) bil-mirakli li wettaq,
   (ii) fit-tagħlim tiegħu.
   Semmi **żewġ** eżempji fuq kull punt. (2 x 4 = 8 marki)

   (b) Fisser kif (i) id-droga, (ii) it-tipjip, (iii) l-alkoħol, u (iv) is-sewqan eċċessiv huma perikli kontra l-ħajja u għalhekk huma kontra l-ħames kmandament. (Ikteb fuq **kull** punt tal-mistoqsija.) (4 x 2 = 8 marki)

   (ċ) Kif il-Knisja f'Malta qiegħda tgħin lil dawk li għandhom diffikultajiet fil-ħajja: (i) il-morda, (ii) in-nies b'diżabilità, (iii) l-orfni, (iv) l-anzjani ? (Ikteb fuq **kull** punt tal-mistoqsija.) (4 x marka = 4 marki)